ATT FINALI

Il-plenipotenzjarji ta’:

IL-KOMUNITÀ EWROPEA,

minn hawn ‘l quddiem imsejħa “il-Komunità”, u ta’:

IR-RENJU TAL-BELĠJU,

IR-RENJU TAD-DANIMARKA,

IR-REPUBBLIKA FEDERALI TAL-ĠERMANJA,

IR-REPUBBLIKA ELLENIKA,

IR-RENJU TA’ SPANJA,

IR-REPUBBLIKA FRANĊIŻA,

L-IRLANDA,

IR-REPUBBLIKA TALJANA,

IL-GRAN DUKAT TAL-LUSSEMBURGU,

IR-RENJU TA' L-OLANDA,

IR-REPUBBLIKA TA’ L-AWSTRIJA,

IR-REPUBBLIKA PORTUGIŻA,

IR-REPUBBLIKA TAL-FINLANDJA,

IR-RENJU TA' L-ISVEZJA,

IR-RENJU UNIT TAL-GRAN BRITTANJA U L-IRLANDA TA' FUQ,

Partijiet Kontraenti għat-Trattat li jistabbilixxi l-KOMUNITÀ EWROPEA, minn hawn 'l quddiem imsejħin l-"Istati Membri tal-KE",

il-plenipotenzjarji ta':

IR-REPUBBLIKA TA' L-ISLANDA,

IL-PRINĊIPALITÀ TAL-LIECHTENSTEIN,

IR-RENJU TAN-NORVEĠJA,

minn hawn 'l quddiem imsejħin l-"Istati ta' l-EFTA",

ilkoll flimkien Partijiet Kontraenti għall-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea magħmul f'Oporto fit-2 ta' Mejju 1992, minn hawn 'l quddiem imsejjaħ il-"Ftehim ŻEE", flimkien minn hawn 'l quddiem imsejħin il-"Partijiet Kontraenti Attwali",

u

il-plenipotenzjarji ta':

IR-REPUBBLIKA ĊEKA,

IR-REPUBBLIKA TA' L-ESTONJA,

IR-REPUBBLIKA TA' ĊIPRU,

IR-REPUBBLIKA TAL-LATVJA,

IR-REPUBBLIKA TAL-LITWANJA,

IR-REPUBBLIKA TA' L-UNGERIJA,

IR-REPUBBLIKA TA' MALTA,

IR-REPUBBLIKA TAL-POLONJA,

IR-REPUBBLIKA TAS-SLOVENJA,

IR-REPUBBLIKA SLOVAKKA,

minn hawn 'l quddiem imsejħin il-"Partijiet Kontraenti l-Ġodda",

imlaqqa' fil-Lussemburgu f'dan l-erbatax-il jum ta' Ottubru tas-sena elfejn u tlieta għall-iffirmar tal-Ftehim rigward il-Parteċipazzjoni tar-Repubblika Ċeka, tar-Repubblika ta' l-Estonja, tar-Repubblika ta' Ċipru, tar-Repubblika tal-Latvja, tar-Repubblika tal-Litwanja, tar-Repubblika ta' l-Ungerija, tar-Repubblika ta' Malta, tar-Repubblika tal-Polonja, tar-Repubblika tas-Slovenja u tar-Repubblika Slovakka fiż-Żona Ekonomika Ewropea, adottaw it-testi li ġejjin:

I. Ftehim rigward il-Parteċipazzjoni tar-Repubblika Ċeka, tar-Repubblika ta' l-Estonja, tar-Repubblika ta' Ċipru, tar-Repubblika tal-Latvja, tar-Repubblika tal-Litwanja, tar-Repubblika ta' l-Ungerija, tar-Repubblika ta' Malta, tar-Repubblika tal-Polonja, tar-Repubblika tas-Slovenja u tar-Repubblika Slovakka fiż-Żona Ekonomika Ewropea (minn hawn 'l quddiem imsejjaħ il-"Ftehim");

II. It-testi hawn taħt elenkati li huma annessi mal-Ftehim:

Anness A: Il-lista li hemm referenza għaliha fl-Artikolu 3 tal-Ftehim;

Anness B: Il-lista li hemm referenza għaliha fl-Artikolu 4 tal-Ftehim.

Il-plenipotenzjarji tal-Partijiet Kontraenti Attwali u l-plenipotenzjarji tal-Partijiet Kontraenti l-Ġodda adottaw id-Dikjarazzjonijiet Konġunti elenkati hawn taħt u li huma annessi ma' dan l-Att Finali:

1. Dikjarazzjoni Konġunta dwar it-tkabbir simultanju ta' l-Unjoni Ewropea u taż-Żona Ekonomika Ewropea;

2. Dikjarazzjoni Konġunta li tirrigwarda l-applikazzjoni tar-regoli ta’ oriġini wara li jidħol fis-seħħ il-Ftehim rigward il-parteċipazzjoni tar-Repubblika Ċeka, tar-Repubblika ta’ l-Estonja, tar-Repubblika ta’ Ċipru, tar-Repubblika tal-Latvja, tar-Repubblika tal-Litwanja, tar-Repubblika ta’ l-Ungerija, tar-Repubblika ta’ Malta, tar-Repubblika tal-Polonja, tar-Repubblika tas-Slovenja u tar-Repubblika Slovakka fiż-Żona Ekonomika Ewropea;

3. Dikjarazzjoni Konġunta dwar l-Artikolu 126 tal-Ftehim ŻEE.

Il-plenipotenzjarji tal-Komunità, ta' l-Istati Membri tal-KE, ta' l-Istati ta’ l-EFTA u tal-Partijiet Kontraenti l-Ġodda ħadu nota tad-Dikjarazzjonijiet elenkati hawn taħt u li huma annessi ma’ dan l-Att Finali:

1. Dikjarazzjoni Konġunta Ġenerali ta' l-Istati ta’ l-EFTA;

2. Dikjarazzjoni Konġunta mill-Istati ta’ l-EFTA dwar il-moviment liberu tal-ħaddiema;

3. Dikjarazzjoni Konġunta mill-Istati ta’ l-EFTA dwar is-suq intern ta’ l-elettriku;

4. Dikjarazzjoni mill-Gvern tal-Liechtenstein;

5. Dikjarazzjoni tar-Repubblika Ċeka dwar id-Dikjarazzjoni unilaterali mill-Prinċipalità tal-Liechtenstein;

6. Dikjarazzjoni tar-Repubblika Slovakka dwar id-Dikjarazzjoni unilaterali mill-Prinċipalità tal-Liechtenstein;

7. Dikjarazzjoni mill-Estonja, Ċipru, il-Latvja, Malta u s-Slovenja dwar l-Artikolu 5 tal-Protokoll Nru.38a dwar il-Mekkaniżmu Finanzjarju taż-ŻEE

8. Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej dwar ir-regoli ta' oriġini għall-ħut u prodotti tas-sajd.

Il-plenipotenzjarji tal-Partijiet Kontraenti Attwali u l-plenipotenzjarji tal-Partijiet Kontraenti l-Ġodda qablu wkoll li l-Partijiet Kontraenti l-Ġodda għandhom ikunu infurmati b'mod adegwat u kkonsultati fuq kull kwistjoni relevanti li għandha tiġi ttrattata fil-Kunsill taż-ŻEE u fil-Kumitat Konġunt taż-ŻEE matul il-perijodu ta' qabel il-parteċipazzjoni tal-Partijiet Kontraenti l-Ġodda fiż-Żona Ekonomika Ewropea.

Barra minn hekk, huma qablu li, sa mhux aktar tard mid-dħul fis-seħħ tal-Ftehim, il-Ftehim ŻEE, kif emendat mill-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea u t-testi sħaħ ta' kull waħda mid-Deċiżjonijiet tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE, għandhom isiru u jiġu awtentikati mir-rappreżentanti tal-Partijiet Kontraenti fil-lingwa Ċeka, Estona, Latvjana, Litwana, Maltija, Pollakka, Slovakka, Slovena u Ungeriża.

Huma jieħdu nota tal-Ftehim bejn ir-Renju tan-Norveġja u l-Komunità Ewropea dwar il-Mekkaniżmu Finanzjarju Norveġiż għall-Perijodu 2004 - 2009, li jinsab anness ukoll ma' dan l-Att Finali.

Huma jieħdu wkoll nota tal-Protokoll Addizjonali għall-Ftehim bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Repubblika ta' l-Islanda bħala riżultat ta' l-adeżjoni tar-Repubblika Ċeka, tar-Repubblika ta' l-Estonja, tar-Repubblika ta' Ċipru, tar-Repubblika tal-Latvja, tar-Repubblika tal-Litwanja, tar-Repubblika ta' l-Ungerija, tar-Repubblika ta' Malta, tar-Repubblika tal-Polonja, tar-Repubblika tas-Slovenja u tar-Repubblika Slovakka ma' l-Unjoni Ewropea, li hu anness ma' dan l-Att Finali.

Huma mbagħad jieħdu nota tal-Protokoll Addizjonali għall-Ftehim bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Renju tan-Norveġja bħala riżultat ta' l-adeżjoni tar-Repubblika Ċeka, tar-Repubblika ta' l-Estonja, tar-Repubblika ta' Ċipru, tar-Repubblika tal-Latvja, tar-Repubblika tal-Litwanja, tar-Repubblika ta' l-Ungerija, tar-Repubblika ta' Malta, tar-Repubblika tal-Polonja, tar-Repubblika tas-Slovenja u tar-Repubblika Slovakka ma' l-Unjoni Ewropea, li hu anness ma' dan l-Att Finali.

Barra minn hekk huma jieħdu nota tal-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn il-Komunità Ewropea u r-Renju tan-Norveġja dwar ċerti prodotti agrikoli, li huwa wkoll anness ma' dan l-Att Finali.

Huma jisħqu li l-ftehim u l-protokolli hawn fuq imsemmija huma element komponenti mis-soluzzjoni globali għad-diversi kwistjonijiet ittrattati fir-rigward tal-parteċipazzjoni tal-Partijiet Kontraenti l-Ġodda fiż-Żona Ekonomika Ewropea, u li l-Ftehim u l-erba' ftehim relatati għandhom jidħlu fis-seħħ simultanjament.